MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 290/2007

**Emanuel Sammut u b'digriet moghti nhar it-13 ta' Ottubru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem il-werrieta Charles Raymond Sammut, Mario Sammut u Jennifer Scerri.**

**vs**

**Ray Gatt f'isem GATT, GALEA & CO. bhala likwidaturi tas-socjeta Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (B.I.C.A.L).**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2007 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala l-werriet universali tal-mejtin John u Maria Concetta sive Connie Sammut, is-somma ta' tlett elf u mija u hames liri maltin (LM3105) (Euro7232.70) bhala refuzjoni ta' flus li kienu gew depositati mill-mejtin John u Maria Concetta sive Connie Sammut f'kontijiet *bearer* mal-Bank of Industry,

Commerce and Agriculture Limited (BICAL) izda fuq assigurazzjoni ta' Cecil Pace gew moghtija cedola flok ktieb ghall-imsemmi ammont, liema cedola giet iffirmata mill-istess Cecil Pace u li kopja taghha qieghda annessa ma dan ir-rikors immarkata bhala Dok. 'A', u dan prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-ammont imhallas mill-awturi tal-attur lill-imsemmi Bank, jikkostitwixxi depozitu attwali u reali mal-Bank konvenut u f'kaz li dan id-debitu ma giex debitament registrat fuq il-kotba bhala tali, dan sar minhabba agir abbusiv, illegali u/jew frawdolenti tal-ahwa Cecil u Henry Pace.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-prezenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern, li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppresentata nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2008 fejn espona s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, l-intimat mhux il-legittimu kontradittur peress li ma huwiex parti fuq ic-cedola, fis-sens li d-debitur tal-awtur tal-attur ma hux il-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited, izda skond ma jirrizulta *icto oculi* mill-istess cedola, d-debitur huwa Cecil Pace personalment, li personalment ukoll rega' irravisa l-effetti tal-istess cedola fl-erbatax (14) ta' Jannar 1977.

2. Illi preliminarjament jista jkun hemm bzonn il-kjamat in kawza ta' Cecil Pace u l-eredi ta' Henry Pace in kwantu r-rikorrent jallega li c-cedola kienet moghtija fuq assigurazzjoni tal-istess ahwa Pace u seta' jkun hemm agir abusiv mill-istess ahwa – f'dan ir-rigward huwa r-rikorrenti/attur li jrid jiddeciedi jsejjahx in kawza lill-persuni ndikati jew le.

3. Illi fit-tielet lok huwa l-istess rikorrent li jrid jipprova l-ezistenza tad-dejn favur John u Maria Concetta sive Connie Sammut u li huwa hu l-werriet universali taghhom.

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, trid issir verifika jekk ir-rikorrenti jew l-awturi tad-dritt tieghu qattx ivvantaw xi pretensjoni quddiem il-likwidatur u/jew il-kontrollur tal-Bank intimat u jekk hijiex milquta bir-*res judicata*.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat l-affidavit tal-attur **Emmanuel Sammut** ipprezentat nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2008 (fol. 16) immarkat bhala Dok. 'A'. F'dan id-dokument l-attur jikkonferma li huwa l-werriet universali ta' ħuħ u ta' martu u cioe il-Kaptan John u Maria Concetta konjugi Sammut u skond ir-ricerki u t-testment fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha tas-sbatax (17) ta' Marzu 1981 ħuħ kellu zewg *bearer accounts* bin-numru 1326/26 u 1334/34 li sussegwentement gew konvertiti f'*bills of exchange* ghal LM3,105 u LM1,000 rispettivament skond kopja tal-kambjali annessi.

Huwa kien interpella lill-Kontrollur tal-Bank of Indusrty Commerce and Agriculture Limited sabiex ihallsu l-ammont imsemmi fic-cedoli, pero baqa' ma thallasx w ghalhekk kellu jghamel kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Numru 1497/92 JA) u nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2006 w il-kawza giet deciza favur tieghu kif jirrizulta minn ezami tas-sentenza esebita fl-atti. (fol. 33 et seq)

Jikkonferma li l-kawza fuq citata kienet saret ghas-*sorte* ta' LM1,000 u dan sabiex l-ispejjez jinzammu minimi. Izda matul l-imsemmija kawza, mill-provi hareg car li s-somma ta' LM3,105 hija dovuta lilu wkoll. Huwa ltaqa' kemm il-darba mal-Kontrollur ta' dak iz-zmien, u cioe Emmanuel Bonello meta kienet saret l-ahhar laqgha mieghu, w huwa kien qallu li huwa kien sab irregistrat mal-BICAL Msida *branch* zewg ammonti f'isem John ħuħ iz-zewg kontijiet fuq imsemmija ta' LM1,000 u LM3,105 rispettivament. Jghid li dan Emmanuel Bonello kien qallu sabiex jghamel kawza fuq l-ammont iz-zghir, imbaghad skond l-ezitu ta' dik is-sentenza, kellu jittrattalu l-ammont l-iehor f'dan il-kaz ta' LM3,105 u dan sabiex l-ispejjez tal-Qorti ma

jikbrux. Kien ghalhekk li kien ipproceda l-Qorti fuq l-ammont iz-zghir.

Jghid li fix-xhieda tieghu l-Kontrollur, quddiem il-Prim Awla, kien ikkonferma li fir-*records* tal-BICAL sab iz-zewg ammonti registrati f'isem ħuħ.

Qal li wara li nghatat is-sentenza fuq imsemmija, li trattat fuq il-kont ta' LM1,000, huwa kien interpella lil Kontollur sabiex ihallas kemm l-LM1,000 kif ukoll l-ammont l-iehor ta' LM3,105, izda dan nonostante l-ebda hlas ma sar (fol. 30). Jghid li mir-risposta li rcieva, ntwera bic-car li l-Kontollur kien ser ihallas biss l-ammont ta' LM1000 imsemmija fis-sentenza tat-tletin (30) ta' Jannar 2006 meta jkun il-waqt (fol. 29). Kien ghalhekk li ddecieda li jipprocedi bit-tieni kawza, u cioe dik odjerna sabiex il-Kontrollur jigi ordnat ihallas l-ammont in dezamina ta' LM3,105. Huwa annetta mal-affidavit tieghu, kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejnu u l-Kontrollur prezenti.

Huwa esebixxa wkoll kopja tax-xhieda tieghu, li nghatat minnu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fuq imsemmija.

F'din ix-xhieda l-attur jghid li kien vicin hafna ta' ħuħ fl-ahhar snin ta' hajtu meta kien diga armel u penzjonant. Jghid li ħuħ kien ikellmu dwar flusu li kellu l-BICAL u fil-fatt hekk kien jirreferi ghalihom. Qal li ħuħ qatt ma kien istitwixxa xi procedura legali, izda kien dejjem ikellem nies ohra li kellhom l-istess problema, u cioe flushom maqbuda f'din il-kwistjoni.

Jghid li originarjament, iz-zewg libretti kienu gew depositati mal-*branch* tal-BICAL ta' The Strand, Sliema. Jghid li f'inkontru li kellu mas-Sur Bonello, huwa kien ghamel kuntatt ma xi skrivan sabiex jivverfika jekk in-numri li kellu fuq iz-zewg kotba li gew murija lilu, kienux jidhru fuq il-kotba tal-Bank qabel ma gew konvertiti f'cedoli u skond l-informazzjoni li nghata, dan ikkonferma li hekk kien il-kaz. Jghid li s-Sur Bonello kien issuggerielu li sabiex huwa jkun jista jottjeni id-drittijiet tieghu li kien qed jippretendi, kellu jghamel kawza il-Qorti sabiex ikollu

decisjoni mill-Qorti u qallu wkoll sabiex jibda fuq l-ammont z-zghir.

In kontr'ezami, mistoqsi x'kienet ir-raguni ghaliex kienet saret il-konversjoni mill-librett *bearer* ghal cedola, huwa ma kienx f'posizjoni li jghid. Jikkonferma pero li hadd qatt ma qallu li l-flus kienu gew mislufa lil Cecil Pace personalment. Qal li ħuħ kien qallu li l-interessi kienu komprizi fil-kapital. Jghid li meta saret il-konversjoni, ma kienx presenti w ghalhekk ir-raguni ghaliex saret din il-konversjoni, ma jafhiex.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Setembru 2008 fejn l-avukat ta' l-attur talab li jesebixxi l-proceduri fl-ismijiet **Emanuel Sammut vs Emmanuel Bonello et** (Citazzjoni numru 1497/92) liema kawza giet deciza nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2006 u Dottor Schembri ghall-konvenut, m'oggezzjonax ghal tali talba.

Rat li fil-hdax (11) ta' Dicembru 2008 l-attur ipprezenta kopja tax-xhieda li nghatat mill-Kontrollur Emmanuel Bonello fil-kawza fuq imsemmija u cioe **Emanuel Sammut vs Emmanuel Bonello et** - Citazzjoni 1497/92 w iddikjara li ma kellux provi ohra xi jressaq.

F'din ix-xhieda tieghu il-konvenut **Emmanuel Bonello** ikkonferma li d-debitu tal-attur, mhux debitu passiv tal-Bank, ghaliex mhux registrat mal-kotba tal-Bank. Qal li huwa jiftakar lill-attur ghaliex kien mar ikellmu, pero dak li kienu qallu ma jiftakrux. Nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru 1994 kien rega' xehed fl-istess kawza fuq indikata u din id-darba qal li minn ricerki li kien ghamel mal-kotba tal-Bank BICAL, irrizultalu li fil-kotba tal-Bank ta' Tas Sliema, kien hemm zewg *bearer accounts* numru 1326/26 ghas-somma ta' LM3,000 u numru 1334/34 ghas-somma ta' LM300. Ikkonferma li dawn iz-zewg kontijiet kienu ghalqu fis-sebgha (7) ta' Settembru 1972. Qal li l-verifika kien ghamilha fuq informazzjoni moghtija lilu mill-attur stess.

L-attur esebixxa wkoll kopja tax-xhieda li nghatat minn **Cecil Pace** nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2005 fil-kawza fuq imsemmija. Kien ikkonferma li l-firma fuq id-

dokument a fol. 5 tal-process u cioe Dok. ‘A’ hija tieghu u kien ghamilha hu stess meta hareg il-kambjala ‘n desamina. Qal li dan id-dokument huwa kambjala tal-Bank u kien harigha f’isem il-Bank, ghalkemm il-Bank kien ghalaq. Spjega li n-nies kien qabadhom paniku kbir meta ghalaq il-Bank u kien ghalhekk li hareg dawn il-kambjali sabiex iserrah mohh in-nies fis-sens li fil-Bank kien hemm fondi. Mistoqsi jekk kienx irceiva xi Ittri Ufficcjali, jghid li ma jiftakarx li kien ircieva. Ikkonferma li l-kambjala kien harigha wara li ghalaq il-Bank u kien taha lill-awtur tal-attur *in good faith*, f’ismu personali. ghaliex s-Sur Sammut kien klijent tal-Bank.

Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova u strah biss fuq il-provi prodotti mill-attur.

Fit-trattazzjoni tieghu, l-konvenut ighid li d-debitu tal-attur mhuwiex debitu tal-Bank izda ta’ Cecil Pace personali w ghalhekk il-konvenut m’ghandux jonora din il-kambjala. Invece l-attur jghid li l-kambjala bhal dik tal-LM1000, hija debitu tal-Bank w ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal dan id-debitu u jhallas lill-attur.

Ikkunsidrat:-

In sintesi din il-kawza si tratta fuq debitu naxxenti minn kambjala fis-somma ta’ elf lira maltin (LM1,000). L-attur ighid li dan id-debitu huwa tal-Bank w ghalhekk l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalih, filwaqt li l-konvenut qed ighid li l-ammont imsemmi fic-cedola, mhux debitu tal-Bank, izda tal-ahwa Pace personali w ghalhekk il-konvenut m’ghandu l-ebda obbligazzjoni x’jonora.

Illi l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu preliminarjament jiddikjara li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex fil-kambjala ‘n kwistjoni, esebita mar-rikors promotur, huwa m’huwiex firmatarju w ghalhekk m’ghandux *locus standi* f’din il-kawza. Fil-fehma tieghu, d-debitur tal-attur huwa Cecil Pace personalment.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti u jirrizulta bic-car li ‘n effetti, Cecil Pace kien iffirma l-kambjala fl-interess

tal-Bank qua Direttur tal-istess, ghaliex dak iz-zmien, meta hareg il-kambjala, l-pubbliku kien qed jippankija li ma kienx ser jiehu lura l-flus li kellu despositat mal-Bank w ghalhekk, sabiex iserrah mohh l-awtur tal-attur, huwa kien hareg kambjala bhala speci garanzija biex iserrahlu mohhu li fil-Bank kien hemm flus. Kif tajjeb inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Sammut vs Emanuel Bonello et noe** deciza mill Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2006, fejn il-fatti tal-kawza kienu identici li "*f'cirkostanzi simili ma jistax jigi argumentat illi l-kambjala kienet tfisser li saret xi forma ta' novazzjoni bl-iskambju tad-debitur ghaliex zgur li xi haga bhal din ma kinitx taghmel sens kummercjali.*"

Jirrizulta mill-provi u cioe minn dak li xehed Emanuel Bonello u Cecil Pace li d-debitu ta' LM1,000 kien debitu tal-Bank u dan ghaliex ighid li l-awtur tal-attur kellu zewg *bearer accounts* mal-Bank meta ghalaq il-Bank. Cecil Pace stess ighid li huwa hareg il-kambjala sabiex jaghmel tajjeb ghal-kont li l-awtur tal-attur kellu mal-Bank w ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi, m'hemmx dubbju li l-legittimu kontradittur ghandu jkun il-Bank konvenut w ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza moghtija wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'Ottubru 1984 fl-ismijiet **Dr.Victor Captur et vs Dr. Carmlo Mifsud Bonnici** fejn inghad li "*Fi ftit kliem, l-intendiment tal-partijiet kien certament, li jkun negozju bejn l-awtur u l-Bank u xejn izjed*."

Ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu qabel dan u cioe meta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet michuda, din il-Qorti qed tichad ukoll it-tieni eccezzjoni u cioe li kien hemm bzonn tal-kjamat in kawza ta' ahwa Pace.

Kif tajjeb gie osservat fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut li huwa obbligu tar-rikorrenti li jipprova l-ezistenza tad-dejn favur John u Maria Concetta sive Connie Sammut u li huwa l-werrieta taghhom. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza gha-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Emmanuel Bonello et noe vs Ernest Gaffiero** fejn inghad li "*Naturalment, l-attur li jallega d-*

*debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat, inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa jimpera l-principju 'actor non probante reus absolvitur'. Dan il-principju huwa wkoll enfasizzat fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Dalli vs Balzan*** *deciza nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2003. Fil-ktieb* ***On Evidence*** *ta' Phipson para 91, 11$^{th}$ Edit r-regola hi "'E qui affirmat non ei qui negat incumbit' probation is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*."

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur irnexxilu jipprova ghas-sodisfazjoni tal-Qorti li verament huwa kreditur tal-Bank. Jirrizulta li John Sammut u Connie Sammut kienu kredituri tal-Bank fis-somma ta' elf lira maltin (LM1,000) kif jirrizulta mill-kambjala esebita. Issa mit-testment esebit fl-atti a fol. 41, testment redatt minn Nutar Joseph Sciriha nhar is-sbatax (17) ta' Marzu 1981, jidher li l-attur huwa l-eredi universali ta' ħuħ John u martu Maria Concetta w ghalhekk illum huwa t-titolari tal-kambjala esebita. Jispetta issa li l-konvenut jipprova li huwa hallas dan id-debitu tal-Bank. Din il-prova tista ssir mhux biss bil-produzzjoni ta' ricevuta, izda b'kull mezz iehor permess mill-ligi; huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lil Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergent mill-provi processwali – ara **Cini vs Camilleri** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Lulju 1982, u **Buttigieg vs Portelli** deciza mill-istess Qorti tal-Appell fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 1976. Intqal pero "*li fl-assenza ta' ricevuti, l-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant*" – **Zammit vs Galea** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-sebgha w ghxorin (27) ta' Frar 2003; f'kaz li jkun hemm xi dubbju ghandu jigi risolt favur l-attur - ara **Borg vs Buckle noe et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2002 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Illi f'din il-kawza l-konvenut nomine fir-raba eccezzjoni rigward il-mertu, eccepew li ghandha ssir verifika jekk l-attur jew l-awturi tieghu, qattx ivvantaw xi pretensjoni

kontra l-likwidatur u/jew il-Kontrollur tal-Bank u dan sabiex jigi accertata li tali azzjoni hiex milquta minn xi *res judicata*. Kien jispetta lil konvenut nomine jressaq tali prova, kieku kien il-kaz, w ghalhekk, fin-nuqqas ta’ tali prova, l-Qorti hija thoss li din hija l-ewwel darba li tali azzjoni qed tigi vvantata w ghalhekk il-konvenut nomine ghandu jaghmel tajjeb ghal dan il-kreditu tal-attur.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta u tiddecidi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine u tilqa t-talba attrici u tiddeciedi li tikkundanna lil konvenut nomine jhallas lill-atturi, dik is-somma ndikata fir-rikors promotur ta’ tlett elf u mija u hames liri maltin (LM3105) ekwivalenti ghal sebat elef mitejn tnejn u tletin euro u sebghin euro centezmi (Euro7232.70) u dan ghar-ragunijiet imsemmija mill-atturi fl-istess rikors.**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut nomine.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------